MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 496/2008

**Bank of Valletta p.l.c C 2833**

**vs**

**Darren Mizzi (I.D. Nru. 823781(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti nomine ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fil-15 ta' Frar 2003 (Dok. A) s-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Darren Mizzi;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Darren Mizzi fis-somma ta’ ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€20,328.53) ekwivalenti ghall-tmint elef, seba’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u erba’ centezmi (Lm8,727.04) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’’ ta’ Darren Mizzi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘’B1 sa B2’’), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 t’ April 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument ‘’A’’ partikolarment imma mhux esklussivament, billi Darren Mizzi

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura; (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnhu assunti fl-istess skrittura soprandikata u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Darren Mizzi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata fis-26 ta’ Lulju 2007 u l-kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ‘’C’’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m’ghandiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument ‘’A’’ partikolarment imma mhux esklussivament, billi Darren Mizzi (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-

imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura soprandikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren Mizzi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Darren Mizzi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€20,328.53) ekwivalenti ghall-tmint elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u erba' centezmi (Lm8,727.04) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account'' ta' Darren Mizzi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ''B1 sa B2''), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 t' April 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-26 ta' Lulju 2007 u tal-mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat li l-intimat debitament notifikat baqa' ma wiegibx;
Fic-cirkostanzi u billi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata;

**Tiddeciedi**

Fil-kontumacja ta' l-intimat Darren Mizzi;
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
Bl-ispejjez kontra l-intimat;
U bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------